DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2010**

StudentBounty.com

Ro

**L-EWWEL SENA** **MALTI** **ĦIN: SAGĦTEJN**

Isem: ______________________________________ Klassi: _________

Istruzzjonijiet lill-istudenti:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA TA' MARKI

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F(i) | F(ii) | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Marki** | 7 | 25 | 5 | 8 | 8 | 12 | 15 | 20 | 100 |
| **Marki tal-istudent/a** | | | | | | | | | |

KUMMENTI

______________________________________
______________________________________
______________________________________
______________________________________
______________________________________
______________________________________
______________________________________
______________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.

# Ingawdu Saħħitna

Studji varji dwar it-tfal juru li matul is-snin, f'Malta, il-problema tal-ħxuna żdiedet. Minn studju li sar dan l-aħħar instab li tfal ta' ħames snin u nofs diġa` qegħdin ibatu mill-ħxuna. Aktar ma jgħaddi żmien, il-ħxuna twassal għal ċerti kundizzjonijiet bħalma huma l-pressjoni għolja u d-dijabete. Il-konsegwenzi tal-ħxuna jafu jkunu serji għaliex din tista' tikkawża wkoll mard bħal puplesija jew attakki tal-qalb. (*par. 1*)



Importanti għalhekk li nieħdu ħsieb saħħitna billi nieklu tajjeb u nagħmlu eżerċizzju fiżiku. Ma ninsewx iżda, li ż-żgħażagħ li qegħdin jikbru, ikunu mimlijin enerġija u jżidu fl-aptit. Importanti li dawn iż-żgħażagħ iżommu f'moħħhom li fid-dieta tagħhom idaħħlu l-frott, il-ħaxix u l-ikel li jkun fih il-proteini waqt li ma jridux jieħdu ikel b'ħafna xaħam u zokkor. (*par. 2*)

Il-ħadid huwa fost il-minerali bżonnjużi għas-saħħa u dan jinstab fil-laħam aħmar u fil-ħut u huwa importanti li jittiekel ta' spiss. Ikel ieħor li jgħin 'il-bniedem iżomm f'saħħtu huwa r-ross l-ismar, il-ħobż u ċ-ċereali li jittieħdu waqt il-kolazzjon ta' filgħodu. Larinġ, lumi, tadam u patata wkoll huma meħtieġa għas-saħħa. (*par. 3*)

Min-naħa l-oħra wieħed ma tridx taqagħlu żaqqu għal ħafna ħlewwiet bħal kejkijiet, gallettini u xarbiet mimlija zokkor. Lanqas ma huwa tajjeb li jittieklu ħafna *chips*, *burgers* u ikel moqli. (*par. 4*)

Għalhekk, jekk wieħed irid jevita l-ħxuna, id-dieta bbilanċjata fl-ikel żgur hija r-riċetta biex hu jidher fl-aqwa tiegħu. (*par. 5*)

(Addattament minn kitbiet differenti)

## A. FEHIM IT-TEST (7 marki)

1. Minn fejn nafu li f'Malta l-problema tal-ħxuna żdiedet?

   ______________________________________________ (1)

2. Semmi tnejn mill-kundizzjonijiet jew mardiet li jistgħu jkunu kkawżati mill-ħxuna.

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. X'iridu jiftakru ż-żgħażagħ dwar id-dieta?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (2)

4. Barra ikel ieħor, x'inhu meħtieġ ukoll għas-saħħa?

______________________________________________

______________________________________________ (1)

5. Mir-raba' paragrafu ikteb frażi li turi ikel ħażin għas-saħħa.

______________________________________________ (1)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (25 marka)

### (i) ANALIŻI TESTWALI

6. Mill-ewwel paragrafu ikteb il-frażi li turi li l-istudju dwar il-ħxuna m'ilux ħafna li sar.______________________________________________ (1)

7. *Importanti għalhekk li nieħdu ħsieb saħħit**na***. (*par. 2*) Għal min qiegħed jirreferi l-pronom ***na*** fil-kelma *saħħitna*? ______________________________________________ (1)

8. *Ma ninsewx iżda* (*par. 2*) turi:
   importanza ☐ nuqqas ta' importanza ☐ (1)

9. Ikteb it-tliet kelmiet mit-tieni paragrafu li juru xi ħaġa ta' ġid li nistgħu nagħmlu għal saħħitna barra l-ikel tajjeb li għandna nieklu.

______________________________________________ (1)

10. Mir-raba' paragrafu ikteb il-frażi li turi rabta bejn it-tielet u r-raba' paragrafu.

______________________________________________ (1)

### (ii) LESSIKU/VOKABULARJU

11. Sib mis-silta kelma jew frażi li tfisser l-istess:
   a) jiftakru (*par. 2*) - ______________________________________________ (1)
   b) bżonnjużi (*par. 3*) - ______________________________________________ (1)

12. Fisser:
   a) *ma tridx taqagħlu żaqqu* (*par. 4*) ______________________________________________ (1)
   b) *jevita* (*par. 5*) ______________________________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

### (iii) SINTASSI/SENTENZA

13. Erġa' ikteb is-sentenza tal-ħames paragrafu billi tkompli:

    Id-dieta bbilanċjata fl-ikel żgur ____________________________________________

    ______________________________________________________________________

    ______________________________________________________________________ (2)

### (iv) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

Wieġeb skont kif mitlub.

(14-il marka)

(Il-kitbiet li huma fil-korsiv ittieħdu minn *Oħroġ Il-Għerf – Grammatika Bil-Livelli – 1*)

14. Minn dawn li ġejjin, ikteb il-kelma li tibda bil-vokali tal-leħen:

    importanti, interessanti, infittxu, inċident - ______________________ (1)

15. Għid f'liema ħsejjes qegħdin jinbidlu l-konsonanti ta' tipa skura.

    *Il-qronfol biss kien iħo**bb** id-dellijiet **s**bieħ u koroh ta' fuq wiċċu.*

    **bb** jinbidlu f' __________ **s** tinbidel f' __________ (2)

16. Imla l-vojt bl-artiklu.

    *Biex nifhmu aħjar_____ ġrajja li ġejja rridu, qabel xejn, induru dawra _____ dwejra ta' Kunċett u oħtha.* (2)

17. Liema huwa l-verb ewlieni u liema huwa l-verb imnissel?

    It-tifel laqat il-mejda u kisser il-platti.

    verb ewlieni - _____________ verb imnissel - _____________ (2)

18. Imla l-vojt skont il-parentesi.

    *Ħadd ma seta'* _____________ (verb dgħajjef minn w-q-f) *lir-raġel milli* _____________ (verb sħiħ minn għamel) *dan.* (2)

19. Erġa' ikteb is-sentenza billi tuża l-kliem: *li kieku*

    *M'iniex se ndaħħal karozza ġdida għax m'għandix flus.*

    Li kieku kelli ________________________________________________________. (1)

20. Imla l-vojt skont il-parentesi.

    *Ix-xbejba kienet tbakkar filgħodu* ___________(n-d-f fl-Imperfett) u ____________ (għ-t-j fl-Imperfett) *daqqa ta' id lin-nisa l-oħra.* (2)

21. a) Nissel nom verbali minn: kellem - _______________

    b) Nissel nom astratt minn: tfal - __________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI

### Qwiel – Alla, Tama u Sabar

1. Irriga l-qawl li ma jaqbilx mal-oħrajn.

   a) Alla jagħlaq bieb u jiftaħ mija.

   b) Alla jsebbaħ, Alla jibgħat.

   ċ) Alla min jagħtih ħaġa u 'l min jagħtih oħra.

   d) Min jgħix bit-tama jmut bil-piena.

2. Ikteb il-kliem tajjeb biex tkompli l-qawl.

   a) Bis-sabar u ____________________ kollox jasal fit-tmiem. (biż-żmien, bil-ħin, bil-jiem)

   b) Il-bniedem sa toħroġ ruħu __________________________ . (ma jiqafx jaħdem, ma jaqtax qalbu, ma jaqtax nifsu)

### Idjomi – Il-Kuluri, Ħin u Żmien

Agħżel l-idjoma t-tajba u imla l-vojt.

3. Bil-qatgħa li ħa sar __________________________________. (aħmar nar, iswed faħam, isfar mewt)

4. M'għandux mument kwiet għaliex ________________________ dejjem sejjer. (il-lejla qabel għada, il-lejl daħal, lejl u nhar)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (8 marki)

F'madwar ħamsin kelma ikteb ittra lill-ħabib/a tiegħek biex tgħidlu/tgħidilha bil-pjanijiet tiegħek għall-vaganzi tas-sajf. Ikteb fejn suppost l-indirizz tiegħek li huwa: 24, Triq l-Imqadef, Buġibba BĠB 1204

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI - FOLKLOR

Agħżel drawwa li fittixt dwarha għall-proġett u agħti tagħrif f'madwar ħamsin kelma.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## F. (i) LETTERATURA - NADRIET 1 (12-il marka)

Wieġeb **A, B, Ċ**

### **BJUDA** ta' Dun Karm

**A.** Aqra u wieġeb IVA **jew** LE (4 marki)



Rajtek filgħodu tidħak qalb il-ħdura
Ta' ġnien ifuħ, fuq ġilju u ġiżimin,
Safja bla nikta, u fuqek dik il-ħmura
Li tixgħel fit-twelid tax-xemx ħanina.

| | **IVA** | **LE** |
|---|---|---|
| 1. *Bjuda* huwa sunett Petrarkjan. | _____ | _____ |
| 2. Is-sunett Petrarkjan fih erbatax-il vers imqassma f'żewġ kwartini u żewġ terzini. | _____ | _____ |
| 3. Fis-silta li qrajt, il-poeta juża personifikazzjoni. | _____ | _____ |
| 4. Tul il-poeżija Dun Karm jara l-bjuda wkoll f'wiċċ ta' tarbija. | _____ | _____ |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**B.** F'madwar għoxrin kelma irrakkonta l-ġrajja ta' San Franġisk kif jgħidha Ġuże` Delia fil-p... *San Franġisk u l-Gamiem*. (4 mar...

**Ċ. Aktar Nadriet Poetiċi** (4 marki)

| |
|---|
| *distanza* ta' Tarċisju Zarb, *Il-Ħerża* ta' Marjanu Vella, *Dik Mewġa!* ta' Anastasju Cuschieri, *Raħal Twelidi* ta' Karmenu Vassallo, *Xita* ta' Mary Meylak. |

F'madwar għoxrin kelma ikteb dwar dak li xtaq jgħidilna/tgħidilna l-kittieb/a f'**waħda** mill-poeżiji.

Il-poeżija - ______________________________ ta' ____________________

## F. (ii) LETTERATURA - PROŻA (15-il marka)

Agħżel bejn **A** u **B** u ikteb fl-ispazju pprovdut fuq wara. (5 marki)

**A**. **Stejjer tal-Linka** – Sedqa

| |
|---|
| *L-istorja ta' Jo, Buzzy, Jason Grima* |

Agħżel karattru minnhom u irrakkonta l-istorja tiegħu/tagħha f'madwar tletin kelma.

**JEW**

**B**. **Stejjer Minn Tarf Ir-Raħal** ta' Ġorġ Borġ

| |
|---|
| Is-Santa taċ-Ċikwejra, In-Niżla tal-Ganċ, Il-Ħamiem tal-Barumbara |

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

Agħżel storja waħda u f'madwar tletin kelma ikteb dwarha.

**Ċ. Meta Jaqa' ċ-Ċpar** ta' Trevor Żahra (10 marki)

F'madwar sittin kelma ikteb dwar l-esperjenza tal-ħbieb meta ċ-ċpar ħadhom fil-passat.

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Ikteb madwar 150 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta oħra.)

1. Mort għand il-ħabib/a għall-festa tar-raħal tiegħu/tagħha u … (kompli)
2. Jiena l-kelb ta' Tania. Irrakkonta.
3. Wasalt fl-aħħar tal-ewwel sena skolastika. Ikteb dwar x'għoġbok l-iżjed fl-iskola matul din is-sena.
4. Dak li beħsiebni nagħmel matul is-sajf.
5. Ħriġt mal-ħbieb tiegħi.

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers